# FRAK

(BIEX MA JINTILEFX)

## GĦASEL MALTI

*(fil-Karnival tal-1929.)*

F'l-ewwel bewsa li tatek dalgħodu
ix-xemx tielgħa minn xefaq tan-nar,
ħalli ngħidlek, ja Malta, xi ħsibtek
kollok tfewwaħ bis-sgħatar u ż-ż'har:

Stħajjilt lilek bħal ġarra tan-naħal,
u l-bniet tiegħek ferħ naħal sabiħ
li bla heda fik jaħżen il-għasel,
l-għasel ħelu tat-tjieba w tal-ġiħ.

* * *

## MALTA ĠAWHRA TAL-MEDITERRAN.

Dan il-baħar li jmewweġ ma' dwarek,
mera safi ta' l-isbaħ smewwiet,
dan il-baħar li jgħannqek u jbusek,
dan il-baħar ta' bosta ġrajjiet,

għandu ġawhra sabiħa fost l-isbaħ,
il-ġnus kollha fettxewha fiż-żmien—
Jekk di'l-ġawhra m'hix f'ħobbok moħbija,
Malta ħelwa, di'l-ġawhra m'hi mkien.

**D. K.**

TAGĦRIFA: Dawn iż-żewġ għanjiet tqassmu u xterrdu mat-triqat tal-Belt nar il-karnival mill-bniet ta' l-iskola ta' Birkirkara, minn fuq żewġ karrijiet, wieħed xbiha ta' *Ferħ Naħal* mehdi jġorr il-għasel fil-ġarra tiegħu, l-iħor xbiha ta' qoxra ta' gajdra jew arzella kbira b'xi ħjel ta' dniefel ma' dwarha, fejn Malta kienet tidher bħala tfajla f'sikkitha b'ħafna bnejtiet magħha, il-koll liebsin lewn il-ġawhra u mgħammrin b'ħodon ġawhar, u f'idejhom u fuq sidirhom il-lwien tal-bandiera tagħna.

Id-disinni nħadmu mill-pittur Ġanni Vella u minn Mons. D. K. Psaila, u fil-konkors rebħu l-ewwel u t-tieni premju.